**Ittra ta' Albert M. Cassola**

# LIL RUZAR BRIFFA, IL-GENNA

*Ta'* ALBERT M. CASSOLA

Għażiż Rużar,

Talbuni nikteb xi ħaġa fuqek.

Kif taf int, xi ħaġa fuqek jiena kont diġà ktibtha meta inti kont għadek magħna f'dan il-wied ta' biki. Imma wara l-ħasda tal-mewt tiegħek, jiena minn rajja tħajjart nerġa 'nqimek billi niktiblek imqar daqsxejn ta' poeżija li tibqa' bħala tifkira ċkejkna għal dawk il-ħafna ħbieb li kellek, għal dawk li għad iridu jiġu warajna.

Niktiblek poeżija. Jien. B'poeżija tiegħi nfakkar Poeta bħalek. B'liema versi kont nista' noqrob lejn il-versi tiegħek? B'liema kliem kont nista' nersaq lejn il-kelma tiegħek?

Qtajt qalbi u ħallejt li l-ġieħ jagħtihulek ħaddieħor li l-poeżija jħossha bħalma kont tħossha int, li għandu l-ħila jdomm il-versi kif kont taf iddommhom int. Għalija baqa' x'niddedikalek biss l-istess kliem li jiena niddedika lil ommi, lil missieri, lil ħija, lill-għeżież kollha tiegħi: il-kliem sempliċi u qaddis tar-*Requiem aeternam*.

Mill-bqija m'iniex se ninsiek, qatt u qatt. Bħalma ma jinsiek qatt imqar min f'għomru kellmek darba waħda.

Issa jien żgur li mhux darba biss kellimtek, kif taf tajjeb int. Fid-Dipartiment li għal żmien twil jiena u inti ħdimna flimkien, jien impjegat ċkejken, inti tabib kbir, il-ħbiberija tagħna kibret, kibret b'kemm tista' tikber ħbiberija vera, sinċiera, tal-qalb. Qatt kelma iebsa minn fommok, qatt mossa ta' rabja, qatt ċanfira, qatt tgergira waħda.

Ħafna ħwejjeġ niftakar, iva, iżda x'jiswa li noqgħod insemmihom kollha? Biex nuri kemm kont twajjeb, minn tagħna, qalbek f'idejk? Min ma jafux dan? Daqsi u iktar minni?

Iżda dik id-darba li ġejt nurik l-Innu ta' l-Istudenti Universitarji li bih dħalt għall-konkors ta' l-S.R.C. għadha friska filmemorja tiegħi. Malli int qrajt l-innu, neħħejt minn ħalqek is-sigarett inseparabbli (ma jaf swilekx ta' deni!), ħarist ħarsa lejja minn taħt in-nuċċali u għidtli: "Għalfejn ġejt turihulı? Jiena ma nafx min jista' jidħol għal dan il-konkors, imma lanqas ma naf min jista' jolqot l-ispirtu goljardiku iżjed milli lqattu int. Kif inhu, bla ma tmisslu virgola, fittex ibagħtu. Ma nara

li jista' jgħaddik ħadd''.

Hekk kien. Il-ġurija qablet għal kollox mal-ġudizzju tiegħek.

Dik it-tbissima wara l-verdett: ''X'kont għidtlek jien, Bert?''

Imbagħad darb'oħra meta jien ktibt xi nota bijografika tiegħek u ġejt nurihielek: ''Issemmix dan, issemmix dak; m'hemmx għalfejn tgħid kollox. Hawn ħafna aqwa minni. Tfaħħarnix wisq''.

Tas-Sliema nieżel minn ħdejn il-Blue Sisters fejn kont toqgħod int. Għadni narak, mat-tifla, imgħannaq, mitluf warajha bħalma hija warajk. Dik it-tbissima ħelwa, dik il-qalgħa ħafifa tal-kappell.

U meta jien qrajt fuq ir-Rediffusion il-komment tiegħi għall-''Metamorfosi'': kif wara żidt tfissirli fuq iż-żmien meta ma' sħabek kont tmur tilgħab il-ballun fuq il-fosos li kien hemm quddiem Kastilja. Meta, m'ilux, jien ippubblikajt dawk il-komment fl-okkażjoni tal-ħarġa tal-ktieb tiegħek tal-poeżiji. Ir-ringrazzjamenti. Ir-rikonoxxenza. Fuq kollox, dejjem, l-umiltà.

Umiltà. Għal dik biss tinsab il-Ġenna! Imma magħha l-karità wkoll. Kemm pazjenti ħarġu mill-berġa tiegħek imfarrġin, imfejqin, bil-fjamma tat-tama tixgħel f'qalbhom mill-ġdid? Int żgur ma waqqajtx il-professjoni nobbli tiegħek biex tistagħna. Dak għax fqir, l-ieħor għax ħabib, l-ieħor għax ħabib ta' ħabib, dak għax kollega, dak għax hawn, dak għax hemm, kemm kienu dawk li ħarġu minn għandek bla nefqu sold?

Lili stess. Ġejt għandek darba, bħala tabib. Għalxejn, qisni ġejt bħas-soltu, bħala ħabib. Dħakt bija. Wara tant paċenzja li inti ħadt, urejtni l-bieb ta' barra u bdejt iddawwarli wiċċek kull meta fittixt li nistaqsik x'kont obbligat: ''Obbligat jien'', bdejt tgħidli, ''tajtni okkażjoni nitkellem ftit miegħek fuq dak li aħna nħobbu nitkellmu. Mur 'il barra minn hawn, gawdi x-xemx, saħħtek ma tistax tkun aħjar''.

Jien bqajt ninsisti. ''Aħna ħbieb jew m'aħniex? Kollegi jew le?''

B'hekk biss kont tifhem: bil-ħbiberija, bis-sħubija. Il-kotba tiegħi li tajtek imbagħad, int għożżejthom qishom kienu taddeheb.

''Ħbieb mija u elf, professur. Kollegi mbagħad? Jiena m'iniex tabib, m'iniex professur. Jien bħalissa pazjent''.

Ma nafx ħadtx għalik għax ma fhimtikx li ridt tgħid li konna kollegi għallinqas fl-Arti jew għax sejjaħtlek professur.

Tabilħaqq li biex tissokta tingibed lejk kont trid issejjaħlek ħabib, jew aħjar Rużar.

Sentejn ilu Ruma. Nilmħek f'kafè u ġejt fuqek. Kont tidher kiebi u ndunajt mill-ewwel. Infxilt. M'għaraftx x'naqbad ngħidlek. Forsi ma kenitx safra ta' pjaċir. Bla ma staqsejtek, urejtek li kont lest biex ngħinek jekk qatt kellek bżonn xi ħaġa. Fhimtni. Jew ma kellek bżonn xejn, jew li kellek bżonn ma stajtx niswielek għalih jien. F'idejk kellek it-"Times of Malta". "Fejn sibt tixtriha?" staqsejtek mistagħġeb. "Jibagħtuhieli", għidtli.

Daqshekk. Issellimna u tlaqtek. Miegħi kelli l-mara. "Rużar ma jogħġobnix", għidtilha.

"Donnu għandu xi ħaġa", weġbitni, "ma jidhirx f'sikktu".

Meta ġejna Malta smajt li kont mort għal xi kura. Ġejt lura inti wkoll. Irġajna ltqajna. F'kafè ieħor, hawnhekk. Tħadditna bħas-soltu. Fuq il-poeżija, fuq il-letteratura, fuq l-arti. Darba minnhom staqsejtek xi terminu mediku li ridt nuża f'biċċa xogħol tiegħi tal-palk. Ridt biss naf xi kelma. Għamiltli spiega sħiħa, twila, preċiża. Mhux l-ewwel darba li kont tgħallimt minnek. Din id-darba sirt naf ħafna ħwejjeġ.

Rużar Briffa. Għażiż Rużar Briffa. Kont se nsemmi affarijiet oħra. Imma le. Aħjar nieqaf hawn. Din id-demgħa ta' għajnejja ili nżommha. Issa waqgħet fuq il-karta. Ħallini nagħlaq biha din l-ittra li tasallek żgur hemm fuq mnejn tista' tara aħjar l-imħabba tiegħi għalik, mnejn titlob għalija u għal niesek u għal ħbiebek...

Bħalma jiena, Rużar, bħalma aħna, Rużar, nitolbu għalik.

## KRONAKA TAL-GĦAQDA

**Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti qiegħda tħabrek biex titwaħħal fl-Università rħama li tfakkar il-ħidma tat-Tabib Rużar Briffa meta kien għadu student biex iwaqqaf "Il-Għaqda tal-Malti" fost sħabu l-istudenti.**

**Għal dan il-ħsieb "Il-Għaqda tal-Kittieba" stiednet lill-"Għaqda tal-Malti" u lil xi wħud oħrajn biex jissieħbu magħha.**

**Is-Sinjurina Karmen Micallef Buħaġar, Membra Korrispondenti tal-"Għaqda" f'Londra, bagħtet somma ta' flus biex jitwettaq il-għan tal-"Għaqda'.**